Malta

# Reġistrazzjoni u riċerka ta' testment

## → Liema huma l-għamliet prinċipali ta' testmenti f'Malta ?

* it-**testment awtentiku (jew « pubbliku »)**, imfassal min-nutar.

* it-**testment issiġillat**, li jitqiegħed f'envelop issiġillat. Dan jeħtieġ il-preżenza ta' żewġ xhieda.

## → Jeżisti reġistru tat-testmenti f'Malta ?

**Iva,** jeżisti reġistru tat-testmenti awtentiċi, amministrat mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Dan ir-reġistru mhux disponibbli f'għamla elettronika. **Dan jikkonsisti f'reġistru pubbliku li fih informazzjoni fuq l-atti legali kollha li jittrasferixxu drittijiet dwar xi aspett (drittijiet reali).**

Fl-istess ħin, it-testmenti ssiġillati jinkitbu fir-reġistri li jinżammu mill-qorti lokali.

**Importanti**
Dawn il-mistoqsijiet jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni ġenerali, fis-seħħ mid-19 ta' Marzu 2010. F'każ ta' diffikultà partikolari, kellem lil nutar. Dan id-dokument ta' informazjoni gie ippreparat min ENRWA bil partecipazjoni tal Kummissjoni Ewropea u in-Nutara Ewropej.

Malta

# I. Ir-reġistrazzjoni tat-testment tiegħu/tagħha

## → Għaliex għandu jiġi rreġistrat it-testment ?

Huwa obbligatorju li t-testmenti awtentiċi jiġu rreġistrati fir-reġistru pubbliku. Min-naħa l-oħra, mhux obbligatorju li wieħed jirreġistra t-testment issiġillat tiegħu fil-qorti.

Madankollu, **testment li ma jinstabx huwa ekwivalenti għal testment li ma jeżistix.** Għaldaqstant **jingħata l-parir li ssir ir-reġistrazzjoni tat-testment issiġillat fil-qorti.** It-testatur b'hekk ikun ċert li l-aħħar xewqat tiegħu jinstabu u b'hekk jiġu rispettati wara mewtu.

## → Minn min tista' sseħħ ir-reġistrazzjoni ?

In-nutar iwettaq ir-reġistrazzjoni tat-testmenti awtentiċi fir-reġistru pubbliku. It-testatur jieħu r-responsabbiltà li jirreġistra t-testment issiġillat tiegħu fil-qorti.

**Fir-reġistru pubbliku ma jkunx hemm miktub il-kontenut tat-testment** iżda informazzjoni li tippermetti li dan jinstab. Fl-istess ħin, it-testment jitressaq il-qorti f'envelopp magħluq, biex id-dispożizzjonijiet li saru mit-testatur jinżammu sigrieti.

**Importanti**

Dawn il-mistoqsijiet jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni ġenerali, fis-seħħ mid-19 ta' Marzu 2010. F'każ ta' diffikultà partikolari, kellem lil nutar. Dan id-dokument ta' informazjoni gie ippreparat min ENRWA bil partecipazjoni tal Kummissjoni Ewropea u in-Nutara Ewropej.

Malta

## → Minn min jinżamm it-testment ?

In-nutar huwa responsabbli miż-żamma tat-testmenti awtentiċi, imfassla minnu. Il-qorti żżomm it-testmenti ssiġillati li t-testatur iressaq f'envelopp magħluq.

## → Il-qraba tat-testatur jistgħu jikkonsultaw ir-reġistru sakemm huwa ħaj ?

Ir-reġistru pubbliku jista' jiġi kkonsultat b'mod ħieles u huwa possibbli, li f'każ ta' riċerka dwar kuntratti li saru minn persuna, tinkixef l-eżistenza tat-testment. Il-liġi għandha tiġi emendata mill-aktar fis possibbli biex ma tippermettix ir-rivelazzjoni tal-eżistenza tat-testment. F'kull każ, **il-kontenut tat-testment qatt ma jinkixef sakemm it-testatur ikun ħaj.**

## → Kemm tiswa r-reġistrazzjoni ta' testment ?

Ir-reġistrazzjoni ta' testment fir-reġistru pubbliku tiswa **5€.**

**Importanti**
Dawn il-mistoqsijiet jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni ġenerali, fis-seħħ mid-19 ta' Marzu 2010. F'każ ta' diffikultà partikolari, kellem lil nutar. Dan id-dokument ta' informazjoni gie ippreparat min ENRWA bil partecipazjoni tal Kummissjoni Ewropea u in-Nutara Ewropej.

Malta

## II. Ir-riċerka ta' testment

### → Min jista' jikkonsulta r-reġistru tat-testmenti ?

Wara l-mewt tat-testatur, il-qraba tal-mejjet jistgħu jikkonsultaw ir-reġistru huma stess jew permezz ta' professjonist tal-liġi (nutar, imħallef, avukat) sabiex jinstab it-testment awtentiku. **Din il-konsultazzjoni hija obbligatorja** minħabba li tagħti garanzija li jiġu rispettati l-aħħar xewqat tat-testatur. Ir-riċerka ma tistax issir qabel 21 jum wara l-mewt.

Biex jinstab testment issiġillat, għandha ssir talba lill-qorti mill-qraba tal-mejjet.

### → Il-ħruġ ta' ċertifikat tal-mewt huwa obbligatorju ?

**Iva, il-qraba tal-mejjet iridu jipprovdu ċertifikat tal-mewt** biex ikunu jistgħu jagħmlu r-riċerka f'reġistru pubbliku u fil-qorti.

### → Kemm tiswa riċerka ?

Riċerka fir-reġistru pubbliku tiswa **5€**.

******

**Importanti**

Dawn il-mistoqsijiet jikkostitwixxu sors ta' informazzjoni ġenerali, fis-seħħ mid-19 ta' Marzu 2010. F'każ ta' diffikultà partikolari, kellem lil nutar. Dan id-dokument ta' informazjoni gie ippreparat min ENRWA bil partecipazjoni tal Kummissjoni Ewropea u in-Nutara Ewropej.